MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 532/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**
**vs**
**Angelus Vella**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Angelus Vella**, ta' 51 sena, bin Anthony u Marianne nee' Xuereb, imwieled Tarxien fit-13 t'Awissu, 1953 u residenti fil-fond Block 7, Flat 14, Triq il-Gdida, Cospicua u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 573953(M);

Talli f'xi zmien bejn is-27 ta' Marzu, 2003 u t-23 ta' Gunju, 2004, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra min Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom, u cioe' vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-

registrazzjoni originali AAL-694, liema vettura hija rapurtata misruqa, bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sirt taf li xi haga li kienet fil-pussess tieghek kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, inqast li tgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kont hekk sirt taf, bi ksur tal-Artikolu 334A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz billi ffalsifikajt in-numru stampat tax-chassis tal-vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL-694, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi nehhejt in-numru stampat u originali tax-chassis li kien jaqra JN1FJAN14U0105205 tal-vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL 694, u minfloku wahhalt numru tax-chassis flaz li jaqra JN100GN13U0407354 u li jappartjeni vettura differenti (li ghandha numru tar-registrazzjoni BBO 915) bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz billi ffalsifikajt in-numru stampat tal-magna tal-marka Nissan 2000cc diesel li tinsab imwahhla fuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL 694, u dan billi stampajt numru falz u mhux originali fuqha li jaqra CD20-03559, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi nehhejt in-numru stampat u originali tal-magna Nissan 2000cc diesel li tinsab imwahhla fuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL 694, u minfloku stampajt numru falz u mhux originali fuqha li jaqra CD20-03559 bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghabast, nehhejt, biddilt jew ghamilt numru ta' identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL-694, bi ksur tal-Artikolu 298D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz billi wahhalt sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBO-915 fuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL-694, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhalt sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBO-915 fuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoi originali AAL-694, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollohom fihom jew kellhom jippruvaw u

xjentement ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe' minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali C 602733 u dan bi ksur tal-Artikolu 183 u tal-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement ghamilt uzu mill-licenzja tal-windscreen falsifikata bin-numru serjali C 602733, bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli sirt recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fit-23 ta' Gunju, 2004 u fix-xhur ta' qabel, fil-Cottonera u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, soqt vettura tal-ghamla Nissan Sunny bin-numru tar-registrazzjoni originali AAL-694, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, jew soqt l-istess vettura minghajr ma kellek licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kontx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-20 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 334, 334A, 188,189, 298D, 183, 184, 186, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2009 fejn l-imputat wiegeb illi ma kellu ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza:

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti, jirrizulta illi fit-23 ta' Gunju 2004, waqt li membri tal-Iskwadra kontra d-droga kienu qed jaghmlu xi osservazzjonijiet kienu waqfu lill-imputat li dak

il-hin kien qed isuq vettura tal-marka Nissan Sunny bin-numru ta' registrazzjoni BBO-915. L-istess membri tal-Korp tal-Pulizija kienu innutaw illi xi haga ma kienitx tinkwadra *qua* numri tal-vettura u minn spezzjoni fuq il-post innotaw illi n-numru tal-magna seta' kien temperat. Minn ezamijiet li saru fuq din il-vettura l-Pulizija kkonkludiet illi n-numbru tax-*chassis* stampat fuq il-vettura u dak stampat fuq il-VIN plate ma kienux jikkorrispondu. Indagine aktar approfondita zvelat illi n-numbru tax-*chassis* li jkun stampat mal-*firewall* kien fil-fatt maqtugh u floku wweldjat numru ta' vettura ohra. In-numru tal-magna ukoll kien jidher temperat ghaliex in-numru originali kien jidher li tnehha b'mezzi mekkanici u floku kien mnaqqax numru iehor liema numru kien jappartjeni lill-vettura ohra tal-istess marka bin-numru tar-registrazzjoni BBO-915. Il-*log book* tal-vettura ukoll kien jghajjat lil persuna ohra u mhux lill-imputat. Aktar stharrig wera li n-numru tax-*chassis* misjub fuq il-vettura intercettata u li allura kien twahhal hemm in sostituzzjoni tan-numru originali kien jappartjeni lill-vettura BBO-915 filwaqt illi l-VIN plate, dak il-plattin bin-numru tax-*chassis* mwahhal bil-viti jew rivets fejn jidher taht il-*bonnett* tal-vettura ma kienx ta' dik il-vettura izda ta' ohra nurmu AAL-694, liema vettura kienet rappurtata misruqa. Il-VIN plate, li f'dan il-kaz kien mwahhal centimetru u nofs ma' genb ix-*chassis* number kien originali u ma nqalax minn mal-vettura li harget bih mill-fabbrika, izda dan kien imwahhal b'zewg rivet u ln gara kien li tnehha rivvet wiehed minnhom vicin ix-*chassis number* u b'hekk dan seta jintlewa 'l isfel jew 'l fuq sabiex meta jinqata u jkun wweldjat *chassis number* iehor, kif fil-fatt sar, il-VIN plate ma jinharaqx. Dan rega tqieghed f'postu permezz ta' vit fuq ix-xellug ghaliex ir-rivet tal-lemin kien ghadu tajjeb. Irrizulta ukoll illi l-imputat kien xtara vettura ohra tal-istess ghamla li kienet dikjarata *write off* wara habta u partijiet minn din il-vettura kienu twahhlu fuq il-vettura misruq, dik intercetta mill-Iskwadra kontra d-Droga. Testijiet forensici ukoll urew n-numru originali stampat mill-fabbrika bhala li jappartjeni lill-vettura ukoll rappurtata misruqa. Irrizulta ukoll illi l-licenzja li titwahhal mal-*windscreen* kienet fotokopja ta' licenzja li tappartjeni lill-vettura ohra utilizzata mill-habiba tal-imputat b'dan illi fil-passat kienet vettura

ukoll Nissan Sunny izda din il-persuna bidlet il-vettura u trasferiet ukoll in-numru ghal fuq il-vettura gdida taghha. Adetti tal-ADT (llum TM) xehdu dwar in-numru tal-vetturi kollha involuti u taw dettalji tas-sidien veri taghhom li kienu fil-pussess qabel insterqu dawn il-vettura.

L-imptuat ghazel li jammetti l-akkuza u wara li l-Qorti rat l-atti kollha jirrizulta illi l-ammissjoni hija wahda accetabbli u taqbel mal-fatti kif migjuba quddiema. Ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu. Sabiex ikun evitat kull ekwivoku, ikun ccarat li l-imputat qed jinstab hati sia tal-akkuzi kif indikati fir-rinviju tal-avukat generali kif ukoll tal-ahhar akkuza stante li minkejja li din mhix imnizzla fl-istess rinviju, ma kienx hemm htiega li din tkun indikata f’dan ir-rinviju stante li din taqa’ taht il-gurisdizzjoni ordinarja ta’ din il-Qorti;

Qabel tghaddi ghall-piena, l-Qorti rat ukoll in-nota tal-avukat difensur tal-imputat (fol 262) li permezz taghha filwaqt li esebixxa sentenza tal-Qorti in rigward, jghid li huwa l-artikolu 50 tal-Kap 9 biss li jipprekludi lill-Qorti milli taghti sentenza ta’ habs sospiza u f’dan il-kaz, l-imputat huwa recediv biss fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9. L-imputat ghamel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell f-ismijiet Il-Pulizija vs Philip Mario Chircop tas-17 ta’ Novembru, 2006. Din il-Qorti wisq gustament fissret id-dettami tal-ligi emergenti mill-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina jekk l-imputat, minkejja l-ammissjoni tieghu u minkejja l-artikoli indikati fir-rinviju ghal gudizzju tal-avukat generali, mhuwiex hati ta’ recediva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9. Dan l-ezercizzju qed isir sad-data li fih kien akkuzat l-imputat u cioe sat-23 ta’ Gunju 2004, data tar-rejati odjerni. Fl-ewwel lok jirrizulta zball fil-fedina penali tal-imputat esebita a fol.5 *et seq* ghaliex id-data tas-sentenza murija bhala 10.9.1996 ghandha taqra 19.9.1996 skond kopja vera tas-sentenza esebita a fol. 135. Fl-14 ta’ Mejju 1997, l-imputat kien ikkundannat ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal-erba’ snin. Skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Issa is-subinciz (5) tal-artikolu 28A jipprovdi illi sentenza sospiza ghandha titqies ghall-effetti kollha tal-ligi, li hija sentenza li tinfliggi

piena.  Ghalhekk ghall-fini tal-artikolu 50 Kap 9, ghandu jitqies li l-imputat kien ikkundannat ghal-piena ta' prigunerija ta' sentejn fl-14 ta' Mejju 1997 u din hija l-unika piena karcerarja li tirrizulta kontra l-imputat.  B'hekk l-ewwel parti tal-artikolu 50 mhix applikabbli u tista' tkun applikabbli it-tieni parti tal-istess artikolu, izda peress illi fl-24 ta' Gunju 2004 (id-data tal-akkuza) kien ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-imputat kien ikkundannat (ghal piena ta' sentejn), ma jistax jinstab hati tat-tieni parti tal-artikolu 50 Kap 9.  Ghalhekk kif gustament irrileva l-avukat difensur tal-imputat, din il-Qorti mhix prekluza milli tapplika id-dispost tal-artikolu 28A tal-Kap 9;

Wara li rat l-artikoli 334, 334A, 188,189, 298D, 183, 184, 186, 49,  23 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9, 15 tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u wara li kien stabilit il-valur tal-vetturi misruqa ai fini tal-artikolu 334 Kap 9;

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk il-hati jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba (4) snin mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 oltre ghal-hlas ta' multa ta' Euro 2400.00, u inoltre jiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja sa zmien sena mil-lum.  Inoltre tobbliga lill-imputat sabiex fi zmien tletin jum minn meta jkun notifikat mir-Registratur tal-Qrati ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9;

Il-Qorti fissret lill-hati l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti b'rizerva li tghaddi uhud minnhom lis-sidien idonei f'kaz ta' talba opportuna li tkun konsiderata skond il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------